Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 12 ta' Ottubru 2023**
**(OR. en)**

**14124/23**

**SOC 678**
**EMPL 482**
**GENDER 189**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill |
| Suġġett: | Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi: Ħatra tas-Sa Daniela KOŠECKÁ, membru supplenti għas-Slovakkja, minflok is-Sa Lucia VLASÁKOVÁ, li rriżenjat |

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sa Lucia VLASÁKOVÁ, bħala membru supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet (għas-Slovakkja).

2. L-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006[1] jipprevedi, fost oħrajn, li l-Kunsill għandu jaħtar tmintax-il membru, kif ukoll il-membri supplenti, tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għal perjodu ta' tliet snin. Il-membri u l-membri supplenti maħtura jirrappreżentaw lil tmintax-il Stat Membru fl-ordni tal-Presidenzi b'rotazzjoni, b'kull Stat Membru jaħtar membru wieħed u membru supplenti wieħed.

3. Bid-Deċiżjoni tiegħu tal-24 ta' Mejju 2022[2], il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti għall-perjodu li jintemm fil-31 ta' Mejju 2025.

[1] ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.
[2] ĠU L 147, 30.5.2022, p. 42.

4. Il-Gvern tas-Slovakkja ppreżenta lill-kandidata li ġejja biex tieħu post il-membru supplenti li rriżenjat, għall-bqija tal-mandat attwali li jintemm fil-31 ta' Mejju 2025:

Is-Sa Daniela KOŠECKÁ
Principal State Advisor
Department of Equality of Women and Men and Equality of Opportunities
Ministry of Labour, Social Affairs and Family of the Slovak Republic
Špitálska 4, 6, 8
816 43 Bratislava, Slovak Republic
Tel.: + 421 2 2046 1016
Indirizz elettroniku: daniela.kosecka@employment.gov.sk

5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jista' għalhekk jissuġġerixxi li l-Kunsill:

(a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill mehmuża li tissostitwixxi membru supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, u

(b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

**ANNESS**

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tissostitwixxi membru supplenti

tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew

għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi[3], u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tiegħu tal-24 ta' Mejju 2022[4] il-Kunsill ħatar, għall-perjodu li jintemm fil-31 ta' Mejju 2025, il-membri u l-membri supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi.

(2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Lucia VLASÁKOVÁ sar vakanti siġġu ta' membru supplenti fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet.

(3) Il-Gvern tas-Slovakkja ppreżenta nomina għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

3 ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.
4 ĠU L 147, 30.5.2022, p. 42.

Artikolu 1

Is-Sa Roxana MALITI hija b'dan maħtura membru supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi minflok is-Sa Lucia VLASÁKOVÁ għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Mejju 2025.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill

Il-President